Maltin u għall-Għaqdiet tal-Malti li l-Ilsien u l-Innu Malti daħlu minn ta' quddiem fil-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza, iżda ħeġġeġ li kien għad baqa' ħafna x'isir. Waħda minn dawn kienet li nfakkru lill-Maltin kollha li għamlu ġieh lil Pajjiżna, u minn ta' l-ewwel kien Dun Karm. Għalhekk, Ġużè Cardona għarraf li kien kiteb lill-Karmen Buħaġar, li xtaq li ssir rħama mill-flus li kienet baghtitlu biex iħejji kompetizzjoni ta' Essays. Din qablet bil-ferħa, u għalhekk ġie mgħarraf bil-ħsieb il-Kumitat Ċiviku ta' Ħaż-Żebbuġ li laqa' l-proposta u wiegħed li jieħu ħsieb l-organizzazzjoni taċ-ċerimonja. Is-Segretarju tal-Propaganda tagħna temm il-kelmtejn tiegħu billi qara xi versi li kiteb f'ġieh Dun Karm, li qegħdin inxandru f'parti oħra ta' din il-ħarġa.

Is-sinjora ta' l-Iskola ta' Ħaż-Żebbuġ, is-sinjorina Katherine Piscopo qrat diskors tassew tajjeb fuq il-ħajja u l-ħidma letterarja ta' Dun Karm, diskors li fil-qosor u bir-reqqa kollha ta dehra tabilħaqq ċara ta' kull ma għadda minnu l-Poeta Nazzjonali.

Wara, l-Arċipriet stieden lill-pro-neputi ta' Dun Karm, il-Kav. J.P. Vassallo, O.B.E. biex jikxef il-Lapida. Is-Sur Vassallo qabel m'għamel dan, faħħar lill-benefattriċi u lill-promoturi, għax hu dmir tan-nazzjonijiet ċivilizzati li jweġġħu lil min jistħoqqlu. Irringrazzja talli ġie mistieden biex jikxef l-irħama.

Imbagħad, Dun Lawrenz Cachia, li hu kittieb tajjeb u ħabib kbir tal-Malti, bierek il-lapida waqt li l-*buglers* tal-Brigata Sależjana daqqew salut.

Iċ-ċerimonja ntemmet bit-tqegħid ta' kuruni mill-Kumitat Ċiviku, mill-Akkademja tal-Malti li qegħdha s-Sur G. Zarb Adami, mill-Għaqda Letterarja Maltija, mill-Għaqda tal-Malti Università u fuq kollox *qalb tal-fjuri bojod u ħomor* li Karmen Mikallef Buħaġar talbet lis-Sur Ġużè Cardona jqiegħed b'turija tal-qima tagħha għal Dun Karm.

Fid-dar ta' l-Arċipriet sar trattament għall-mistednin.

Kelma ta' tifħir lill-Arċipriet u lill-Kumitat Ċiviku, l-aktar lill-Ass. Segretarju, is-Sur Michael Bonnici, li tħabat bla heda f'din l-okkażjoni.

**KRONOS.**



# QUDDIEM ID-DAR FEJN TWIELED DUN KARM*

*Ta' ĠUŻE' CARDONA*

Hawn twieled u għex għal snin, l-Għannej ta' Malta,
U tnisslu u kotru l-ewwel xrar ta' mħabba
Għal Alla, għall-Madonna, għall-Qlubija
Ta' dawk li mietu biex ħallew bla mtabba'

Il-Ġieħ ta' Malta. Wara, l-ġmiel ta' Lsienna
Għaraf u roqom b'sengħa barranija,
Għax mn'ommu tgħallmu, hawn, ħlejju, setgħani
U xandru ma' l-irjieħ fi vrus qawwija.

Hawn, xieraq niġu lkoll, Maltin bil-qtajja'
Biex inqimuk, Missier, għaliex minn fqira,
Il-Poeżija għanejt, u għamiltha kbira.

U bħalma qiemu 'l Dante għaliex refa'
Bl-ilsien Taljan lil ġensu w għamlu kburi,
Imissu l-Malti lejk dil-qima juri!
16 ta' Settembru, 1965.

* Dawn il-versi nkitbu meta ħsibna biex inwaħħlu rħama mad-dar fejn twieled Dun Karm, il-POETA NAZZJONALI.